Verżjoni Elettronika

A.L. 357 tal-2024

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME*
(KAP. 123)

Regoli tal-2024 li jemendaw ir-Regoli dwar Rimborż tat-Taxxa (Pensjonanti) (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 14(2) u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2024 li jemendaw ir-Regoli dwar Rimborż tat-Taxxa (Pensjonanti) (Emenda Nru 2) u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regoli dwar Rimborż tat-Taxxa (Pensjonanti), hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regoli prinċipali". L.S. 123.174.

(2) Dawn ir-regoli għandhom japplikaw fir-rigward ta' dħul miksub fi, jew wara l-1 ta' Jannar 2025.

Temenda r-regola 3 tar-regoli prinċipali.

2. Ir-regola 3 tar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fis-subregola (1) tagħha l-kliem "(dħul minn pensjonijiet nieqes 9100)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "(dħul minn pensjonijiet nieqes 12,000)" u l-kliem "ma jaqbiżx €1068" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ma jeċċedix €696";

(b) fis-subregola (2) tagħha l-kliem "(dħul minn pensjonijiet nieqes 10500)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "(dħul minn pensjonijiet nieqes 13,000)" u l-kliem "ma jaqbiżx €858" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ma jeċċedix €546"; u

(ċ) is-subregola (3) tagħha għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tagħha l-kliem "(dħul minn pensjonijiet nieqes 12700)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "(dħul minn pensjonijiet nieqes 15000)" u l-kliem "ma jaqbiżx €528" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ma jeċċedix €246"; u

(ii) fil-paragrafu (b) tagħha l-kliem "[(dħul taxxabbli nieqes 12700)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "[(dħul taxxabbli nieqes 15,000)".